MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 58/2013/1

**Carmel sive Charles Borg u Isaac Borg**

**v.**

**Sacha Said personalment u għan-nom ta' Said International Limited**

**1.** Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mir-rikorrenti appellati Carmel sive Charles Borg u Isaac Borg sabiex din il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni proviżorja tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2013 li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u lliberat lill-konvenut Sacha Said personalment mill-osservanza tal-

ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet attriċi u konsegwentement ordnat lis-soċjeta` konvenuta sabiex fi żmien ġimgħa tikkonsenja ċ-ċavetta tal-bieb imsemmi fir-rikors promotorju tal-atturi bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

**2.** Fir-rikors tiegħu r-rikorrenti jsostnu li ż-żmien meta jinstema' l-appell minn din il-Qorti huwa ta' ċirka sentejn wara s-sentenza u li għalhekk l-appell x'aktarx jinstema' fl-2015 meta l-kirja tal-fond inkwistjoni tiskadi f'April 2014 u b'hekk kull sentenza li tingħata wara ma jkunx jista' jkollha effett. Fil-frattemp il-fond mikri bħala maħżen tal-merkanzija ma jkunx jista' jintuża bħala tali. Ir-rikorrent isostni finalment li l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza ma jista' jikkaġuna ebda preġudizzju lis-soċjeta` konvenuta appellanti.

**3.** Il-konvenut appellant Sacha Said *pro et noe*, b'risposta tat-8 ta' Marzu 2013 wieġeb, apparti konsiderazzjonijiet oħra fil-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet, li ma hux minnu li l-fond inkwistjoni huwa mikri bħala maħżen għaliex fil-verita` l-istess fond ġie mikri bħala uffiċċju li għall-użu tiegħu ma hux fundamentali t-tarjola u l-użu inkwistjoni.

**4.** Il-konvenut appellant żied li kienet biss spekulazzjoni da parti tar-rikorrent li l-appell ser idum sal-2015 biex jiġi deċiż tenut kont li appelli f'kawżi ta' spoll jingħataw priorita` fuq appelli ta' xort'oħra proprju sabiex jekk ikun hekk mistħoqq il-parti tiġi redintegrata fil-pussess *in good time*. Inoltre, filwaqt li r-rikorrent ma hux jiġi preġudikat peress li baqa' jtella' l-merkanzija minn fejn suppost itellagħha, u ċioe` mill-bieb ta' barra u mit-taraġ intern, huma jitilfu l-protezzjoni li akkwistaw bil-bieb inkwistjoni billi t-twieqi u apertura fil-bitħa jisfaw ukoll aċċessibbli minn terzi b'periklu ta' dħul fil-proprjeta` tagħhom.

**5.** Semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' April 2013.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**6.** L-Artikolu 266(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi li l-Qorti għandha tiddikjara s-sentenza esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer x’aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-eżekuzzjoni provviżorja milli dik l-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

**7.** Ir-rikorrent ma għandux raġun meta jgħid li l-appell mistenni jinstema’ fl-2015 għaliex konformement ma’ dak previst fil-liġi, u ċioe` li appelli f’kawżi ta’ spoll jingħataw priorita` fuq appelli ta’ xort’oħra, l-appell inkwistjoni ser jiġi appuntat għas-smigħ f’Mejju ta’ din is-sena.

**8.** B’danakollu rriżulta li l-preġudizzju li minnu jilmentaw l-intimati fl-eventwalita` li tiġi milqugħa t-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja huwa pjuttost spekulattiv konsistenti fil-possibilita` li terzi jkunu jistgħu jidħlu fil-fond tal-intimati permezz tal-aperturi li l-istess fond għandu u li jagħtu għal fuq il-bitħa li għaliha jkun hemm aċċess mill-bieb inkwistjoni.

**9.** Min-naħa l-oħra, il-preġudizzju li jsofri r-rikorrent fl-eventwalita` li tiġi miċħuda t-talba tiegħu jkun wieħed attwali, reali u immedjat peress li jiġi miċħud lilu l-aċċess għall-bitħa inkwistjoni li jkun jista’ jużaha sabiex itella’ l-merkanzija b’anqas strapazz u b’aktar faċilita` milli kieku kellu juża alternattivi oħra --- dritt ta’ aċċess li ġie lilu rikonoxxut mis-sentenza appellata, anki jekk mhux b’mod finali.

**10.** Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiziti tas-subartikolu (7) tal-Art. 266 imsemmi;

**Provvediment**

Għaldaqstant tilqa’ t-talba u tiddikjara provviżorjament eżegwibbli l-imsemmija sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta’ Jannar 2013 b’dan li t-terminu ta’ ġimgħa msemmi f’dik is-sentenza jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż ta’ dan l-inċident jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali fuq l-appell intavolat mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------